**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Dicembru, 2015

Rikors numru : 389/2015 AL

AB
vs
CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-kontendenti konjugi kkontrattaw iz-zwieg ta' bejniethom fil-hamsa u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u hamsa (25/06/2005) hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument A;

Illi minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

Illi l-imsemmija konjugi ilhom jghixu separatament *de facto* mis-sitta ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (06/10/2010);

Illi, inoltre, l-imsemmija konjugi kienu nfirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat min-Nutar Dr. Robert Micallef fis-sitta ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (06/09/2011). (Dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala Dokument B);

Illi huma diga kienu rrinunzjaw ghad-dritt taghhom illi jesigu manteniment minn xulxin u dan bis-sahha tal-kuntratt ta' firda hawn fuq imsemmi;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti u in vista wkoll tal-fatt illi konjugi huma diga separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, mhuwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja id-divorzju bejn il-kontendenti; u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha ikkonfermat :

1. Illi l-esponenti tikkonferma illi l-partijiet fil-kawza de quo ilhom separati de facto sa mis-6 ta' Dicembru, 2010 u de jure permezz ta' att pubbliku datat is-6 ta' Settembru, 2011 fl-atti tan-nutar Dr Robert Micallef;
2. Illi l-esponenti tikkonferma illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;
3. Illi l-partijiet reciprokament irrinunzjaw ghall-obbligu tal-hlas ta' manteniment lil xulxin u ghalhekk ma jezisti l-ebda pendenza fil-konfront ta' xulxin;
4. Illi l-esponenti tikkonferma li ma jezisti l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jirrikonciljaw;

5. Illi ghaldaqstant l-esponenti taqbel mat-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promotur, dment li kull parti thallas l-ispejjez ta' dina l-procedura;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Ottubru, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta' Settembru 2011, izda ilhom de facto separati mis-6 ta' Dicembru 2010;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.